KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Sebgħa u Sittin (67)***

***It-Tnejn, 2 t'Ottubru, 2023***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

IL-KUNSILLIER KEITH FENECH

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippressjeda l-Laqgħa (il-Laqgħa bdiet fis-6pm)

**67.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji**

67.1.1 Tressqet ittri ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Keith Fenech fejn talab li jkun skużat minħabba impenji oħra. Il-Kunsill approva.

**67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

67.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 66 li nżammet nhar it-Tnejn, 4 ta' Settembru, 2023.

67.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 66 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

67.2.3 **Mozzjoni 67-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 66.

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Il-Minuti Numru 66 ġew approvati unanimament.

**67.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

A. ***Skeda ta' Pagamenti : Numru 67(08) – Ottubru 2023***

67.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 66(08) permezz cheque numru 7222 u 7223 (ref. 10951 u 10952) kif ukoll permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 10943 sa 10974 li jammontaw €23,042.31

67.4.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

67.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll pagament mingħand Infinite Fusion, dwar l-installazzjoni tas-sistema, tas-servizz on-demand li sar f'Mejju minħabba li l-Kunsill ma rċeviex l-invoice. Il-ħlas huwa ta' €1770.

67.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll il-ħlasijiet lill-ħaddiema tax-xogħol ta' tindif li kien sar wara l-kunċert f'Lulju. Il-ħlas huwa ta' €350 lill-tliet ħaddiema tal-Kunsill b'total ta' €1050.

67.4.5 **Mozzjoni 66-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 67(08) bl-ammont ta' €23,042.31 kif ukoll dik imressqa f'materja 67.4.3 u 67.4.4

Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli
Sekondant: Il-Kunsillier Rose Agius

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 67(08) ġiet approvata unanimament.

**67.4 <u>Riżenja tal-Kunsillier A.Gatt</u>**

67.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-ittra tar-riżenja tal-Kunsillier Andreas Gatt mibgħuta lill-membri tal-Kunsill kollu fl-14 ta' Settembru 2023 u mgħoddija lill-Onorevoli Ministru Owen Bonnici, lid-Dipartiment u l-Uffiċċju Elettorali fil-15 ta' Settembru 2023.

67.4.2 Is-Sindku Darren Abela informa lill-Kunsill li minn għada se jinfetħu n-nominazzjonijiet għal *by-election* li se jibqgħu miftuħin sas-Sibt u wara jibda l-proċess biex jiġi magħżul il-persuna li se tkun qed timla l-post vakanti.

**67.5 <u>Korrispondenza</u>**

67.5.1 Tressqet korrispondenza mingħand l-Amministratur il-ġdid tal-Parroċċa sabiex issir il-Purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju mit-toroq tas-soltu. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

67.5.2 Tressqet korrispondenza mingħand l-Għaqda Mużikali Santa Marija dwar talba għar-rimbors tas-servizz tal-pulizija fl-attivitajiet tal-festa taħt Ċirkulari AKL 2023/045. Il-Kunsill qabel li skond il-proċedura, jinħareġ il-ħlas ta' massimu ta' €700 u wara jintalab ir-rimbors lir-Reġjun.

67.5.3 Tressqet korrispondenza mingħand il-Klabb tal-Bocci dwar ħlas li sar għall-attivita' fit-22 ta' Settembru. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li ssir konferma dwar id-diskussjoni li saret f'laqgħat preċedenti rigward l-eżentazzjoni mill-ħlas ta' żewġ permessi fis-sena lill-Għaqdiet Lokali. Il-Kunsill qabel li kull għaqda tingħata żewġ permessi fis-sena ta' attivitajiet li jiġu mmarkati bħala 'complimentary'.

67.5.4 Tressqet korrispondenza mingħand l-AKL dwar applikazzjoni għal *timed parking bays* fil-lokal. Il-Kunsill ippropona li ssir talba għal parkeġġi kollha li hemm fil-Pjazza. Il-ħin tal-parkeġġ għandu jkun ta' 30 minuta u jiġu eslużi biss il-parkeġġi li hemm riservati. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

67.5.5 Tressqet talba sabiex jitpoġġa scaffolding fi Triq Santa Marija fil-parti fejn tidjieq it-triq ma ġenb il-Knisja. Dan l-iscaffolding ma setax isir li jitħalla aċċess minn taħt għall-pedestrians minħabba li l-bankina mhix wiesa' biżżejjed. Għaldaqstant ġie propost li ssir zebra crossing temporanja qabel u wara l-iscaffolding biex tkun tista tintuża l-bankina ta' faċċata minħabba *safety* tal-*pedestrians*.

67.5.6 Tressqet korrispondenza dwar DAF Drive Day b'risq il-Hospice, fejn qed jitolbu l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex il-Ħadd 22 t'Ottubru 2023 jgħaddu minn Dawret Ħal Għaxaq filgħodu. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

67.5.7 Tressqet talba mingħand wieħed mill- ħaddiema tal-ERL fejn qed jitlob li tiġġedded sena ħidma mal-Kunsill Lokali u l-Kunsill ikopri l-paga tiegħu għal din is-sena. Il-

Kunsill jista' jagħmel talba sabiex din il-paga tiġi koperta mill- Ministeru. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jiġi mpjegat mal-Kunsill minħabba li diġà kellu żewġ talbiet oħra qabel li ma ġewx aċċettati. Iżda f'każ li l-paga tiegħu tkun qed tiġi koperta minn MHAL, il-Kunsill għandu jikkunsidra din it-talba iżda jiġu riveduti l-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu skond l-esiġenzi tal-Kunsill.

67.5.8 Tressaq disinn ta' kif hu propost li jsir il-pedestal tal-Monument tat-Tabib Mario Rizzo Naudi. Il-Kunsill qabel.

67.5.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se tkun qed tibda' l-proċess biex jibdew jiġu ntallati l-cameras tal-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

**67.6 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

67.6.1 Is-Sindku Darren Abela qal li l-ġimgħa l-oħra kien hemm il-Board Meeting tal-Applikazzjoni tal-Kamra tan-Nar ta' Ħal Tarxien. Waqt il-Meeting, ic-Chairperson ippospona l-aħħar meeting għal 5 t'Ottubru fuq talba tal-Perit tal-Kunsill. Il-Perit talab ftit iktar żmien biex isir ftehim mas-CPD u l-pulizija mal-Kmamar tan-Nar dwar assigurazzjoni rigward il-periklu waqt il-ħruq tan-Nar. Jidher li s'issa għad m'hemmx ftehim u għaldaqstant se jkun qed jittieħed il-vot nhar il-5 t'Ottubru.

67.6.2 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex tissemma triq għal Amabile Carabott li kien superjur. Il-Kunsill qabel li jikkunsidra wara t-talbiet l-oħra li hemm pendenti.

67.6.3 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-*parking bays* fi Vjal il—Labour. Huwa qal li tkellem ma sid il-ħanut dwar il-possibilita' li l-*unloading bay* titneħħa minn Vjal il-Labour u ssir fis-*service road*, u ssir ta' daqs ta' 2 karozzi. Għaldaqstant, fejn hemm bhalissa l-*unloading* jiġi *double line* u jitħalla biss id-*disabled parking*. Dwar din il-proposta kien hemm qbil bi prova.

67.6.4 Is-Sindku Darren Abela qal li l-*pedestrian crossing* fi Triq San Filippu ma tantx għadha tidher u jidher li ma tantx qed tintuża'. Il-Kunsill ma qabilx li titneħħa iżda li tiġi rifriskata ż-żebgħa.

67.6.5 Fuq il-kwistjoni ta' San Filippu, is-Sindku qal li se jkun qed jitkellem ma TM fuq l-proposta ta' *one way* minħabba li hu jemmen li tista' tinstab soluzzjoni billi t-triq tiġi one-way iżda mhux kif proposta minn TM. Huwa kompla billi qal li d-deċiżjoni tal-Kunsill se tibqa' dik li ttieħdet mill-maġġoranza f'laqgħat preċedenti, jiġifieri li jitħalla kollox kif inhu.

67.6.6 Is-Sindku Darren Abela ppropona li titwaħħal bozza ma' arblu fi Triq Wenzu Dalli. Il-Kunsill approva.

67.6.7 Is-Sindku Darren Abela qal li se jitwaħħlu *road humps* fis-*service road* li kienu ġew approvati fil-laqgħat preċedenti.

67.6.8 Is-Sindku Darren Abela qal li fi Triq il-Barklor qed ikun hemm ħafna rimi ta' skart illegali. Il-Kunsill qabel li jinforma lill-LESA biex tibda ssir ronda kull ċertu ħin.

**67.7 Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera**

67.7.1 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li hemm ħafna tabelli li ċċaraw u jridu jinbidlu, għaldaqstant se tkun qed tieħu nota ta' dawn it-tabelli u tgħaddihom lill-Kunsill.

67.7.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli staqsiet dwar il-pjanti ta' *Project Green* jekk kienx hemm xi risposta. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm risposta u għaldaqstant il-Vici Sindku pproponiet li nibgħatulhom biex jibdew mill-bandli minħabba issa fetħet l-iskola u tajjeb li jissebbaħ ftit l-ambjent.

67.7.3 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li hemm xi pjanti u siġar fi Gnien Elfejn li mhux jissaqqew.

67.7.4 Il-Vici Sindku Christine Dalli staqsiet dwar jekk hux ser tinbidel ukoll ix-xibka tal-ground. Il-Kunsill qabel li fit-tender jintalab ukoll il-ħadid taa' wara l-lasti.

67.7.5 Il-Vici Sindku Christine Dalli fakkret ukoll dwar nuqqas ta' dawl fi Triq il-Qattus. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se tikkonferma jekk saritx it-talba għal iktar dawl.

**67.8 Mozzjonijiet**

67.8.1 Annessi mal-Minuti

**67.9 Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

67.9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 30 t'Ottubru 2023 fil-5.30pm. Qabel għandu jsir il-Ġurament tal-ħatra tal-Kunsillier il-ġdid.

Il-Laqgħa ntemmet fit-7:45pm

________________________

Fiona Cutajar
Segretarju Eżekuttiv

________________________

ikkonfermati
Darren Abela
Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 67**

**Mozzjoni Ref:** 67-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 66

| | |
|---|---|
| **Rose Agius**<br>**Proponent** | **Christine Dalli**<br>**Sekondant** |

**Data:** 2 t’Ottubru 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 67**

**Mozzjoni Ref:** 67-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 67-08

**Christine Dalli**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

**Data:** 2 t'Ottubru 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**